C/2025/2027

4.4.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 ([1])

(C/2025/2027)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Alcachofa de Benicarló / Carxofa de Benicarló"

Nru tal-UE: PDO-ES-0202-AM01 - 10.3.2025

1. **Isem il-prodott**

"Alcachofa de Benicarló / Carxofa de Benicarló"

2. **Tip ta' Indikazzjoni Ġeografika**

☒ Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP)

☐ Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP)

☐ Indikazzjoni Ġeografika (IĠ)

3. **Settur**

☒ prodotti agrikoli

☐ inbejjed

☐ xarbiet spirituży

4. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Spanja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Consejería de Agricultura, Agua, Ganadería y Pesca [Ministeru Reġjonali tal-Agrikoltura, l-Ilma, il-Bhejjem u s-Sajd]

—

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

Spjegazzjoni għaliex l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda standard kif prevista fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143

Skont l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143, din hija emenda standard peress li ma:

a) tinkludix bidla fl-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta, jew fl-użu ta' dan l-isem;

b) tirriskjax li tneħħi r-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-Dokument Uniku;

c) tinvolvix aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tirriżulta f'bidla fid-Dokument Uniku.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Huma biss il-varjetajiet bikrija bojod li huma eliġibbli biex ikunu l-prodott protett (l-irjus tal-fjuri). Sa issa, il-varjetà "Blanca de Tudela" kienet l-aktar waħda mħawla b'mod komuni, u din kienet ir-raġuni għar-referenza speċifika għaliha fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, peress li kienet l-unika varjetà li ġiet irreġistrata fid-DOP "Alcachofa de Benicarló".

Il-propagazzjoni ssir permezz tat-tħawwil tal-irjus tal-għeruq u tar-rimjiet. Il-bidla proposta tinvolvi li tiġi permessa sistema tat-tnissil tal-pjanti alternattiva billi n-nebbieta jitħawlu minn mixtliet iċċertifikati ta' varjetajiet bikrin li huma bojod, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti attwali tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

1. Kliem simplifikat

Fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima B "Deskrizzjoni tal-prodott", "oħrajn" ġiet miżjuda ma' "rekwiżiti" għal fehim aħjar.

Fit-tieni paragrafu tat-Taqsima B "Deskrizzjoni tal-prodott", tħassar dan li ġej: "fejn jinsabu 'Blanca de Tudela' u l-varjazzjonijiet tagħha 'Benicarlò', 'del Prat' u 'de Reus'."

Din l-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

2. Bidla fil-kundizzjonijiet tat-tħawwil

Fl-ewwel punt tat-Taqsima E "Metodu ta' produzzjoni", il-punt b "Tħawwil", ġie miżjud dan li ġej: "jew minn pjanti minn mixtliet awtorizzati fil-każ ta' dawk il-varjetajiet li huma ppropagati biż-żrieragħ."

Fl-aħħar punt tat-Taqsima E "Metodu ta' produzzjoni, il-punt b "Tħawwil", ġie miżjud dan li ġej: "Iż-żrigħ tal-varjetajiet taż-żerriegħa fil-mixtla jsir bejn April u Ġunju. Il-pjanti jitħawlu mill-ġdid fl-għalqa bejn Mejju u Awwissu. Barra minn hekk, it-tħawwil ta' varjetajiet tal-biċċiet tal-pjanti li jiġu ppropagati permezz tal-biċċiet [...]". Il-limiti fuq id-densità tat-tħawwil tneħħew.

Fl-aħħar paragrafu tat-taqsima E "Metodu ta' produzzjoni", il-punt b "Tħawwil", ir-referenza għad-densità medja għal kull ettaru tħassret peress li bħalissa mhijiex applikabbli.

Din l-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

3. Bidla fil-kundizzjonijiet tar-riproduzzjoni

Fit-Taqsima F "Rabta", il-punt c "Kundizzjonijiet tat-tkabbir u/jew tal-produzzjoni", il-kliem "mis-selezzjoni tal-biċċiet tal-pjanti mill-bdiewa nfushom" ġie sostitwit bi "f'kull pass deskritt" sabiex ikun hemm adattament għall-emenda biex jiġi inkluż metodu ta' kultivazzjoni ġdid.

L-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

4. Aġġornament tal-Istruttura ta' Spezzjoni

Data aġġornata mill-Istruttura ta' Spezzjoni.

Isem: Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida "Alcachofa de Benicarló" [Il-Kunsill Regolatorju għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Alcachofa de Benicaló"]

Indirizz: César Cataldo, 2 – 1º, 12580 BENICARLÓ (Castellón)

Tel. +34 964461674

Fax: +34 964461674

Email: alcachofablo@alcachofabenicarlo.com

Paġna web: www.alcachofabenicarlo.com

Din l-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

5. Aġġornament tal-leġiżlazzjoni

Il-Liġi 10/2006, tas-26 ta' Diċembru 2006 tal-Generalitat Valenzjana, dwar il-Miżuri Fiskali, u l-Ġestjoni Amministrattiva u Finanzjarja, u dwar l-Organizzazzjoni tal-Generalitat, fil-kapitolu XVII tagħha, intitolat

"Il-protezzjoni tas-sistemi ta' kwalità agroalimentari", tirregola l-ġestjoni, il-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi, l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u l-agrikoltura organika.

Id-Digriet ta' Consell 222/2007 tad-9 ta' Novembru 2007, li jistabbilixxi r-regoli dwar il-Kunsilli Regolatorji jew il-Korpi ta' Ġestjoni tad-denominazzjonijiet tal-kwalità tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja.

Id-Digriet ta' Consell 46/2010 tat-12 ta' Marzu 2010, li jemenda l-Artikolu 4(4); l-Artikolu 6(3); l-Artikolu 7(1), (3) u (5), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 11(2), (3), (4) u (5) tad-Digriet ta' Consell 222/2007 tad-9 ta' Novembru 2007.

Din l-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet (tad-DOP jew tal-IĠP)**

"Alcachofa de Benicarló / Carxofa de Benicarló"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 07 – ĦAXIX U ĊERTI GĦERUQ U TUBERI TAJBIN GĦALL-IKEL

— 08 – FROTT U ĠEWŻ TAJBIN GĦALL-IKEL; QOXRA TAL-FROTT TAĊ-ĊITRU JEW TAL-BETTIEĦ

— 10 – ĊEREALI

— 11 – PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA TAT-TĦIN; MALT; LAMTI; INULINA; GLUTINA TAL-QAMĦ

— 20 – PREPARAZZJONIJIET TA' ĦAXIX, FROTT, ĠEWŻ JEW PARTIJIET OĦRAJN TA' PJANTI

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

L-irjus tal-fjuri tal-qaqoċċ (*Cynarus Scolymus* L), maħsuba biex jittieklu friski u tal-klassijiet "Extra" u "I".

Il-varjetajiet li għandhom jiġu protetti huma varjetajiet bikrija li huma bojod. Huma jissejħu "bikrija" minħabba li jistgħu jibdew jifthu fil-ħarifa, u jkomplu matul ix-xitwa u r-rebbiegħa.

Fir-rigward tal-karatteristiċi tal-prodott, l-irjus tal-fjuri, minbarra l-apparenza sabiħa tagħhom, huma densi u kompatti, u għandhom ukoll reżistenza ogħla għall-iskurar wara li jkunu nqatgħu z-zkuk.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-prodott diskuss f'din l-applikazzjoni jrid ikun tkabbar fiż-żona ġeografika demarkata.

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Tħejjija tas-sit: L-irqajja' tal-art jintgħażlu u jiġu ppreparati biex fihom ikun jista' jitkabbar l-artiċokk għal sentejn jew tlieta. Il-ħrit fil-fond jitwettaq darba jew darbtejn biex tiġi żgurata ventilazzjoni tajba u permeabbiltà profonda tal-ħamrija. Wara, tintuża għodda għall-ħdim tar-raba' biex jitkisser il-wiċċ tal-ħamrija u jitħejjew ir-raddiet għat-tħawwil aktar tard. Mill-inqas 20 jum qabel it-tħawwil jiżdied materjal organiku li jtejjeb il-ħamrija.

Tħawwil: Is-sistema tal-propagazzjoni użata hija permezz ta' biċċiet derivati mill-pjanti omm magħżula mill-bdiewa nfushom jew mill-pjanti minn mixtliet irreġistrati fil-każ ta' dawk il-varjetajiet li jiġu ppropagati biż-żerriegħa. Għall-preparazzjoni tal-biċċiet ladarba jkun lest il-ħsad u t-tisqija tkun waqfet, jiġifieri ladarba l-pjanti jkunu "linjifikati",

il-pjanti omm magħżula jinqalgħu. Il-bdiewa jiksbu bejn erba' u sitt biċċiet mir-riżoma ta' pjanta omm. Iż-żrigħ tal-varjetajiet taż-żerriegħa jsir fil-mixtla bejn April u Ġunju. Il-pjanti jitħawlu mill-ġdid fl-għalqa bejn Mejju u Awwissu. It-tħawwil tal-biċċiet tal-varjetajiet li jiġu ppropagati bil-biċċa jsir manwalment matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu.

Fertilizzazzjoni: L-applikazzjoni bażali matul it-tħejjija tas-sit. Matul l-istaġun kollu jiġi applikat faxx fuq wiċċ ir-raba', skont il-ħtiġijiet tal-pjanti.

Il-ħsad: Il-ħsad jitwettaq suċċessivament bejn wieħed u ieħor minn Ottubru sa April. Dan isir manwalment b'sikkina. L-artiċokk jintgħażel u jinqata', filwaqt li tinżamm sezzjoni taz-zkuk tagħhom ta' inqas minn 10 cm, u mbagħad jitqiegħdu fi qfief. Ladarba jimtlew, il-qfief jitbattlu b'attenzjoni f'kaxxi tal-plastik u jintbagħtu lejn iċ-ċentri tal-ipproċessar malajr kemm jista' jkun.

Imballaġġ: Fl-imħażen fejn isir il-pakkjar, il-prodott jintgħażel, imbagħad jiġi kklassifikat, u wara jiġi ppakkjat skont il-kategoriji.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Is-sidien taċ-ċentri tal-ipproċessar se jiġu pprovduti bi strixex tal-imballaġġ, li jridu juru b'mod ċar l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Alcachofa de Benicarló" u l-logo tagħhom stess, flimkien ma' tikketta nnumerata li, irrispettivament mit-tip ta' imballaġġ li fih jintbagħat l-artiċokk għall-konsum, trid titwaħħal qabel id-dispaċċ f'konformità mar-regoli stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju.

Il-logo tal-DOP li jrid jidher fuq it-tikketta huwa dan li ġej:



4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tikkonsisti mill-muniċipalitajiet ta' Benicarló, Cálig, Peñíscola u Vinaròs, li kollha huma qrib il-kosta u jinsabu fir-reġjun tal-"Baix Maestrat" li jappartjeni għall-provinċja ta' Castellón (il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja). Iż-żona tal-produzzjoni kollha bħalissa tkopri 25 129 ettaru, li minnhom madwar 16 000 huma kkultivati, b'3 800 ettaru ta' għelejjel veġetali, li minnhom aktar minn 18 % jintużaw għall-kultivazzjoni tal-artiċokk. Iż-żona tal-produzzjoni hija l-istess bħaż-żona tal-ipproċessar.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Aspett Storiku

Il-qaqoċċ huwa prodott bi tradizzjoni twila, prinċipalment fil-belt ta' Benicarló. Huwa perfettament adattat għaż-żona, bl-importanza lokali tiegħu riflessa fl-istemma araldika muniċipali ta' Benicarló, li fuqha tidher pjanta tal-qaqoċċ. Din l-immaġni tal-qaqoċċ u l-pjanta tiegħu hija antika ħafna, u hija maħsuba tmur lura sas-seklu 13. Il-botanist Cabanilles sejħilhom "Scolymus hispanicus" u qal li dawn iffjorixxu fi żmienu (lejn l-aħħar tas-seklu 18) fir-raba' saqwi madwar Valenzja.

Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni attwali tal-qaqoċċ bdew nofs seklu ilu, fi tmiem is-snin 40, meta l-bdiewa esperjenzati ħassew li kienu kapaċi jikkultivawh fuq skala kbira, hekk kif il-kummerċ kiber u s-swieq saru aċċessibbli bis-saħħa tat-trasport.

Ambjent naturali

Il-qaqoċċ ikkultivat fil-muniċipalitajiet tad-denominazzjoni ta' oriġini jikber fl-aħjar kundizzjonijiet. Jibbenefika mill-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari taż-żona u mill-karatteristiċi tal-ħamrija tal-pjanuri kostali fit-Tramuntana tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja.

Topografija

Hija żona kostali bi gwiedi mmewta bi gradjent medju ta' 2 %, protetta minn linja ta' muntanji.

Ħamrija

Is-sodda tal-blat hija magħmula mill-ġebla tal-ġir, karatterizzata minn pH kemxejn alkalin u testura tal-franka.

Klima

Xotta mezzumda, marittima Mediterranja, bi xtiewi ħfief iżda mhux sħan u riskju żgħir ta' ġlata. Il-medja annwali ta' xita hija ta' 400 mm u b'distribuzzjoni irregolari, li jirrikjedi li jitwassal l-ilma għall-irrigazzjoni.

F'dawn il-kundizzjonijiet, u b'kultivazzjoni metikoluża, il-varjetajiet bojod jirnexxilhom jiżviluppaw irjus tal-fjuri bi kwalitajiet uniċi. Minbarra li għandu dehra esterna densa u kompatta, il-qaqoċċ taż-żona għandu reżistenza akbar biex jiskura wara li jinqata', kwalità tassew apprezzata fil-kummerċ.

Il-kultivazzjoni hija manwali u metikoluża, mill-għażla tal-qatgħat mill-bidwi sal-ħsad, meta kuljum jintgħażel liema qaqoċċ jinħasad fl-iprem stadju tiegħu. Dawn l-istadji, u l-oħrajn kollha involuti, jitwettqu mill-bdiewa b'attenzjoni kbira, ir-riżultat ta' professjonaliżmu u tradizzjoni ta' bosta ġenerazzjonijiet.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

https://breu.gva.es/b/v2CsPP2KhJ